# QORTI CIVILI
# PRIM'AWLA
# ONOR IMHALLEF ANNA FELICE

**Illum 27 ta' Ottubru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 323/2014 AF**

**Roland Darmanin Kissaun u b'digriet tat-18 ta' Dicembru 2014, il-Qorti laqghet it-talba biex l-atti tal-kawza jigu trasfuzi f'isem Maria Dolores Darmanin Kissaun, u dan stante l-mewt ta' Roland Darmanin Kissaun**

**vs**

**GlobalCapital Financial Management Limited, numru tar-registrazzjoni C-30053**

Il-Qorti:

Rat is-sentenza in parte tal-1 ta' Ġunju 2017 li permezz tagħha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta limitatament billi a tenur tal-artikolu 159(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat it-tneħħija tar-rikors ġuramentat mill-atti tal-kawża u a kariku tal-attur jiddaħħal minfloku fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tas-sentenza rikors ġuramentat ieħor li m'għandux ikun itwal minn tliet (3) paġni b'tipi indaqs tal-att oriġinali li għandu jinkludi l-premessi u talbiet attriċi kif miġjuba fl-ewwel rikors ġuramentat u fil-bqija ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni u ċaħdet ukoll it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari.

Rat illi permezz ta' sentenza tad-29 ta' Marzu 2019, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-1 ta' Ġunju 2017 u għaldaqstant, irrinvijat l-atti lil din il-Qorti għall-kontinwazzjoni.

Rat illi permezz ta' nota fl-atti tas-26 ta' Lulju 2017, ġie preżentat ir-rikors ġuramentat mill-ġdid.

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur, kif sostitwit fuq ordni tal-Qorti, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrenti hija mart Roland Darmanin Kissaun u hija l-unika eredi tieghu u dan ai termini tal-ahhar testment tieghu datat 15 ta' Marzu, 2010, stante li huwa miet fid-9 ta' Mejju 2014.

Ir-ragel tar-rikorrenti kien klijent tas-socjetà intimata GlobalCapital Financial Management Limited, li tipprovdi servizzi finanzjarji u investimenti, sa mis-sena 2007 u dan specjalment peress li l-ufficini tas-socjetà intimata fil-Gzira u ta' Xbiex kienu ferm qrib tal-ufficcju fejn kien jahdem Roland Darmanin Kissaun. Ir-relazzjoni li Roland Darmanin Kissaun kellu mas-socjetà intimata kienet ta' professjonist-klijent.

Ghalkemm Roland Darmanin Kissaun kien fin-negozju tal-*yacht chartering*, hu ma kellu l-ebda taghrif u esperjenza f'portfolio investments. Hu ma kienx ihobb jiehu riskji bi flusu, u dan

specjalment meta kien ilu sew pensjonant, u ghalhekk kien ghazel li jispecifika lis-socjetà konvenuta li kellu attitudni ta' riskju bhala "*very cautious*".

Infatti l-ewwel prodott li investa fih tramite s-socjetà intimata kien fl-*Aberdeen Global Euro High Yield Bond Fund* li kien prodott semplici u li ma kellu ebda ilmenti fuqu.

Eventwalment fuq parir ta' Jesmond Mangion, li kien rapprezentant tas-socjetà intimata fl-2008, ir-ragel tar-rikorrenti investa f'zewg prodotti ohra li huma mertu ta' dan il-kaz liema huma:- l-*Keydata Lifemark SA Secure Income Bond Issue 3* fejn f'Awwissu 2008 investa fih €49,990.92 u l-*Lifemark SA Secure Income Bond Issue 4* fejn f'Settembru 2008 kien investa fih €40,000. Hu kien investa f'dawn iz-zewg prodotti ta' investiment ghaliex kienu qeghdin jigu rreklamati bhala l-prodotti li ghandhom il-kapital garantit u li huma ta' riskju baxx.

Wara xi zmien ir-ragel tar-rikorrenti kien waqaf jircievi l-imghax fuq dawn iz-zewg prodotti u minflok beda jircievi cirulari ta' "*corporate action*" li jirrigwardaw dwar "*restructuring*" li kien jircevihom drabi minghand is-socjetà intimata u drabi minghand xi funzjonarju tal-Lifemark.

Minhabba dan, Roland Darmanin Kissaun kien beda jkollu xi dubji rigward dawn iz-zewg prodotti li wassluh sabiex f'Lulju 2012 kien mar ifittex parir minghand *financial advisor* indipendenti u licenzjat li ma kellux x'jaqsam ma' dawn l-investimenti, cioè lil Paul Bonello.

Minn hemm huwa sar jaf li z-zewg prodotti koncernati jikkostitwixxu prodotti kumplessi u riskjuzi ferm li ma kienux addatati ghal nies bhalu, cioè nies li m'ghandhom ebda esperjenza jew esperjenza limitata hafna f'dawn it-tip ta' prodotti.

Ghal varji ragunijiet, kif se jigi muri ahjar tul il-prosegwiment tal-kaz, l-istrumenti finanzjarji mertu ta' din l-azzjoni ma kienux "*suitable and appropriate*" ghac-cirkostanzi personali

tar-ragel tar-rikorrenti u d-dipendenti tieghu u dan ai termini tar-regim regolatorju applikabbli.

Irrizulta wkoll li r-rapprezentant Jesmond Mangion fil-verità ma kienx awtorizzat mill-awtorità kompetenti sabiex jipprovdi dawn l-*advisory services* u Roland Darmanin Kissaun qatt ma kien iltaqa' ma' rapprezentanti ohra tas-socjetà intimata, lanqas ma' Erika Caruana li kienet iffirmat certa dokumenti.

Inoltre, s-socjetà intimata approfittat ruhha minn nuqqas ta' taghrif u esperjenza ta' Roland Darmanin Kissaun, u b'ingann, b'mod zleali, qarriewi u doluz u illegali/jew bi ksur tal-obbligi professjonali taghha, ottjeniet il-firma tieghu ghal varji dikjarazzjonijiet u kundizzjonijiet kontenuti fid-dokumenti intitolat *File Note – Lifemark SA Secure Income Bond*, in kwantu l-istess dikjarazzjonijiet ottenuti ma kienux veritjiera u in linea ma' dak li ntqal mir-rapprezentant tas-socjetà intimata lir-ragel tar-rikorrenti, jew li nghata *ad intendere*.

Dan wassal sabiex ir-ragel tar-rikorrenti ma fehmex il-portata ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, liema dikjarazzjonijiet jew uhud minnhom kienu jikkostitwixxu espressjonijiet mhux gusti u projbiti, u ttiehdu bi prattici kummercjali mhux gusti u qarrieqa, b'nuqqas ta' diligenza professjonali, b'influwenza mhux xierqa u/jew bl-isfruttament ta' posizzjoni ta' poter mis-socjetà intimata fil-konfront tar-rikorrenti bhala konsumatur.

Is-socjetà intimata naqset ukoll illi taghmel *product due diligence* b'diligenza, ghaqal u hila u dan biex tassigura l-istandard ta' kura dovuta lill-klijenti taghha, inkluz Roland Darmanin Kissaun u dan specjalment fil-kaz ta' prodotti kumplessi tat-tip tal-*asset backed securities* u *traded life policy investments* mertu ta' din l-azzjoni.

Is-socjetà intimata zgwidat lil Roland Darmanin Kissaun dwar in-natura, riskji u karatteristici tal-*Keydata Lifemark Secure Income Bonds* ghaliex mhux biss iddeskriviet dawn il-prodotti bhala li ghandhom riskju baxx kif se jigi muri ahjar fil-prosegwiment ta' din il-kawza, izda wkoll tat deskrizzjoni fejn "*konsumatur medju*", ai termini ta' Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta, flok li jigi spjegat lill-konsumatur r-riskji proprja li jgorru

dawn il-prodotti, gie ikkomunikat biss il-prodott ghandu l-kapital garantit u riskju baxx.

Dan kollu jikkostitwixxi ksur tar-regim regolamentarju u tal-obbligi fiducjarji tal-istess socjetà versu l-klijent taghha u tal-obbligu regolatorju li tagixxi fl-ahjar interess tal-klijent taghha.

B'rizultat tal-agir illegali u abbuziv tas-socjetà intimata GlobalCapital Financial Management Limited, u bi ksur ukoll tal-obbligi fiducjarji ai termini tal-Kodici Civili, u tal-obbligi taghhom skond l-Att dwar l-Investiment (Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta) u r-Regoli tal-MFSA mahruga taht l-istess, u l-Att dwar l-Affarijiet ghal Konsumatur (Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta), Roland Darmanin Kissaun u tar-rikorrenti bhala eredi tal-istess garrbu danni konsiderevoli konsistenti f'telf ta' kapital u imghaxijiet.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi s-socjetà intimata agixxiet b'mod skorrett u qarrieqi ghaliex il-komportament taghha jikkwalifika bhala prattika kummercjali ngusta u qarrieqa a tenur tal-Artikolu 51A, 51B, 51C, 51D u 51E tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tar-rikorrenti meta saru t-transazzjonijiet f'ismu fl-investiment surriferiti.

2. Tiddikjara illi l-kumpannija intimata tat parir hazin u agixxiet b'nuqqas ta' hla u sengha, traskuragni u negligenza grossolana fit-twettiq tal-inkarigu taghha kif ukoll b'nuqqas ta' harsien tad-dmirijiet fiducjarji skond il-ligi u tal-*Guidelines* u Regolamenti dwar l-investimenti tal-MFSA fil-konfront Roland Darmanin Kissaun meta sar il-bejgh lilu tal-investimenti surriferiti.

3. Tiddikjara illi l-kunsens ta' Roland Darmanin Kissaun gie kaptat mill-kumpannija intimata b'ghemil doluz u ingann adoperat ghad-dannu taghhom mir-rapprezentanti tal-istess intimata, kif ukoll kien rizultat ta' zball materjali pprovokat mill-intimat fuq it-tip u l-kwalità ta' prodott li fih Roland Darmanin Kissaun kien qed jinvesti u t-tip ta' servizz ta' investiment li s-socjetà intimata kienet qed

taghti lil Roland Darmanin Kissaun, u li ghalhekk l-kunsens tieghu kien vizjat u allura ma jiswiex fil-ligi.

4. Konsegwentement tiddikjara li s-socjetà intimata hija responsabbli fil-konfront ta’ Roland Darmanin Kissaun u r-rikorrenti, ghat-telf tal-flus kif ukoll ghad-danni kollha li huma sofrew per konsegwenza tal-premess.

5. Tillikwida l-ammont tat-telf u danni sofferti, occorrendo bin-nomina ta’ periti nomianndi, mir-rikorrenti u Roland Darmanin Kissaun,

6. Tillikwida l-ammont tat-telf u danni sofferti, occorrendo bin-nomina ta’ periti nomianndi, mir-rikorrenti u Roland Darmanin Kissaun kif premess.

7. Tikkundanna lis-socjetà intimata sabiex thallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi u bl-ingunzjoni tal-kumpannija intimata in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi permezz ta’ digriet tat-18 ta’ Ġunju 2019, is-soċjetà konvenuta ġiet awtorizzata tippreżenta risposta ulterjuri.

Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri tas-soċjetà konvenuta li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, r-rikors guramentat sostitwit huwa rritwali u null stante li mhux mahluf mill-istess attrici Maria Dolores Darmanin Kissaun ai termini tal-Artikolu 156(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u in assenza ta’ dan ir-rikors guramentat ma jistax jigi mahluf minn mandatarju f’isem l-attrici kemm il-darba ma saritx il-prova li l-attrici kienet assenti minn Malta fil-gurnata u hin tal-presentata tar-rikors guramentat u li l-mandatarju kellu mandat sabiex jidher ghall-assenti f’isimha, u dan ai termini tal-Artikolu 1866 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant l-intimata ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju billi r-rikors guramentat huwa null u irritu in kwantu nieqes minn partikolarità essenzjali espressament mehtiega mill-ligi a tenur tal-Artikolu 789(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ma huwiex debitament mahluf mill-attrici a tenur tal-Artikolu 156(3) tal-Kap. 12 u l-Artikolu 1866 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri tas-soċjetà konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur talab lill-Qorti ssib lis-soċjetà konvenuta responsabbli għat-telf li sofra konsegwenza ta' investiment li falla. Da parti tagħha, is-soċjetà konvenuta tiċħad li hija b'xi mod responsabbli għat-telf li sofra l-attur. Is-soċjetà konvenuta ressqet ukoll eċċezzjonijiet ta' natura preliminari.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur kien inkariga lis-soċjetà konvenuta bħala intermedjarja liċenzjata taħt l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Kapitolu 370 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex jagħmel investiment ta' €49,990.92 fil-Lifemark SA-Secure Income Bond Issue 3 EUR – QI fl-1 ta' Awissu 2008 u investiment ieħor ta' €40,000 fil-Lifemark SA-Secure Income Bond Issue 4 EUR – QI fid-19 ta' Settembru 2008. Ftit taż-żmien wara li saru dawn l-investimenti, Lifemark issospendiet il-pagament tal-imgħax wara li tpoġġiet taħt amministrazzjoni proviżorja u sar magħruf pubblikament illi kienet qiegħda tirriskontra diffikultajiet finanzjari. Permezz ta' ittra datata 5 t'April 2011, is-soċjetà konvenuta nfurmat lill-klijenti tagħha li l-pagamenti kollha tal-prinċipal fuq il-*bonds* kollha ta' Lifemark S.A. kienu sospiżi.

L-attur jikkontendi li s-soċjetà konvenuta naqset fl-obbligi tagħha lejh billi rappreżentanti tagħha tawh pariri ħżiena, aġixxew b'nuqqas ta' ħila u sengħa u bi traskuraġni u negliġenza grossolana fit-twettiq tal-inkarigu tagħhom, naqsu milli jħarsu d-dmirijiet fiduċjarji tagħhom skont il-Kodiċi Ċivili u l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, naqsu milli jħarsu l-

I*standard Licence Conditions* u r-Regolamenti dwar l-Investimenti maħruġa mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, provdew deskrizzjoni qarrieqa li ma kienitx '*fair, clear and not misleading*' bi ksur tal-istess regoli u l-Att dwar il-Konsumatur, kif ukoll illi s-soċjetà konvenuta ingannatu meta b'maniġġi u b'mod żleali, qarrieqi, doluż u illegali u bi prattiċi kummerċjali inġusti li jammontaw ukoll għal ksur tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, ottjeniet il-firma tiegħu għall-dikjarazzjonijiet li ma kienux veritieri, maħsuba biex jagħtu vantaġġ legali lis-soċjetà konvenuta a skapitu tiegħu, bi ksur tal-Kodiċi Ċivili.

L-attur oriġinali ġie nieqes fil-mori tal-kawża u għaldaqstant, l-atti tal-kawża ġew trasfużi f'isem martu Maria Dolores Darmanin Kissaun.

Din is-sentenza hija limitata għall-eċċezzjoni ulterjuri tas-soċjetà konvenuta li permezz tagħha eċċepiet li r-rikors ġuramentat kif sostitwit huwa null stante li mhux maħluf mill-attriċi ai termini tal-artikolu 156(3) tal-Kap. 12 u ma setax jiġi maħluf mill-mandatarju tagħha ladarba ma saritx il-prova li l-attriċi kienet assenti minn Malta fil-ġurnata tal-preżentata tal-att.

Il-Qorti ordnat is-sostituzzjoni tar-rikors promotur għaliex ma sarx skont ma jrid l-artikolu 159 tal-Kap. 12. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat id-deċiżjoni ta' din il-Qorti.

Jirriżulta li l-attriċi kienet rikoverata l-isptar bejn l-14 ta' Ġunju 2017 u l-5 ta' Lulju 2017 minħabba li kienet qiegħda ssofri minn ansjetà u dipressjoni. Hija fil-fatt preżentat rikors fil-21 ta' Ġunju 2017 fejn talbet lill-Qorti testendi t-terminu għall-preżentata tar-rikors ġuramentat mill-ġdid. Il-Qorti estendiet it-terminu b'xahar permezz ta' digriet tas-26 ta' Ġunju 2017. Fis-26 ta' Lulju, jiġifieri preċiżament dakinhar li kien ser jiskadi t-terminu, l-attriċi preżentat mill-ġdid permezz ta' nota fl-atti dan ir-rikors ġuramentat li madanakollu ġie maħluf minn iben l-attriċi.

L-attriċi ppreżentat ukoll kopja ta' prokura speċjali li permezz tagħha awtorizzat lil binha, l-imsemmi Mark Darmanin Kissaun, sabiex jirrappreżentaha u jidher f'isimha fil-proċeduri tal-lum.

Madanakollu, kif sewwa tgħid il-konvenuta, ir-rikors ġuramentat ma setax jiġi maħluf minn ħadd aktar ħlief l-attriċi. A tenur tal-artikolu 1866 tal-Kap. 16:

*"Iżda, il-mandatarju ma jistax joqgħod fil-kawża, bħala attur jew konvenut, fl-isem tal-mandant, għalkemm dan ikun tah din is-setgħa, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira li fiha l-kawża għandha ssir, bla ħsara dejjem ta' dak li jingħad fl-artikolu 786 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili: iżda mandatarju taħt mandat irrevokabbli mogħti bħala garanzija għat-twettiq ta' obbligazzjoni jista' jiftaħ kawża f'isem il-mandant irrispettivament minn din id-dispożizzjoni sabiex jipproteġi jew jenforza d-drittijiet garantiti bil-mandat."*

Il-konvenuta tinsisti li l-att kif sostitwit huwa allura null a tenur tal-artikolu 789(d) tal-Kap. 12:

*"789. (1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata –*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:*

*Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi."*

Filwaqt illi l-konvenuta għandha raġun tgħid illi r-rikors ġuramentat kellu jkun maħluf mill-attriċi, a tenur tal-artikolu 175(1) tal-Kap. 12:

*"Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermettiti bdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew*

*jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża."*

Wieħed ma jridx jinsa wkoll illi kif sewwa qalet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha f'dawn il-proċeduri tad-29 ta' Marzu 2019:

*"Huwa dmir tal-Qorti biex kemm jista' jkun issalva atti gudizzjarji, u kif qalet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Vella v. Cefai" deciza fl-4 ta' Novembru, 1991, meta jkun hemm nuqqasijiet procedurali li ma humiex ta' natura radikali u serja, l-Qorti ghandha s-setgha skond li ligi li taghti dawk l-ordnijiet u direttivi li jidhrilha xieraq biex tassikura li dak li ghandu x'jaqsam mal-procedura jigi mhares kif imiss. Hekk ukoll, il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet "Sam Investments Lts vs. Scifo Diamantino" deciza fit-30 ta' Mejju, 2017, osservat illi l-hsieb tal-legislatur huma li nullitajiet procedurali ma jigux dekretati jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi.*

*Ma jirrizultax, f'dan il-kaz, li s-socjetà konvenuta ma tistax tiddefendi ruhha fuq ir-rikors promotur kif formulat, u din zgur fehmet ir-raguni tat-talbiet attrici, u dan kif jidher car mill-eccezzjonijiet li ressqet, kemm ta' natura preliminari w anke fil-meritu."*

Għalhekk u filwaqt illi l-Qorti ma tistax tippermetti fl-atti tal-kawża atti li mhumiex skont il-liġi tal-proċedura, l-attriċi għadha fiċ-ċans illi tirregola ruħha billi taħlef hija stess ir-rikors ġuramentat kif sostitwit.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri tas-soċjetà konvenuta, tordna lill-attriċi sabiex fi żmien għoxrin (20) jum mid-data ta' din id-deċiżjoni, taħlef ir-rikors

ġuramentat kif sostitwit jew inkella tippreżenta dan ir-rikors ġuramentat mill-ġdid maħluf minnha kif trid il-liġi tal-proċedura.

L-ispejjeż ta' dan l-episodju jitħallsu mill-attriċi.

IMHALLEF

DEP/REG